MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 507/2008

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Carmelo Cauchi**

**It-Tribunal;**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn disgha u erbghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmi (€249.24), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond client contract number 1013047, in rigward ghal servizzi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Awissu, 2007 u Dicembru, 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-att, dawk tal-ittra ufficjali lil

banek relattiva ghall-imsemmi mandat u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata mill-PL Peter Sammut fid-29 ta' Settembru, 2007 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------